**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 4 ta' Ottubru, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Vella)**

**-vs-**

**Martin Cilia La Corte, detentur tal-karta tal-identità 249964M**

Kumpilazzjoni Nru. 320/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Martin Cilia La Corte u ċioè talli:

1. Fi Frar, 2014, u fix-xhur u snin ta' qabel, gewwa diversi nhawi fil-Gzejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu fi żmienijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkorrompa uffiċjal jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma kellux jedd, u barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, dan l-istess uffiċjali jew impjegat fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel;

2. Fl-istess perjodu kkorrompa u kien kompliċi ma' uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew ikkorrompa u kien kompliċi ma' impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, liema impjegat sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu,

esiġa dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi;

3. Fl-istess perjodu kkorrompa u kien kompliċi ma' uffiċjali jew impjegat pubbliku, liema uffiċjal jew impjegat għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entità oħra, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti tal-kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu.

4. Fl-istess perjodu kien kompliċi ma' persuni oħra sabiex b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex jġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, għamel qligħ għall-valur li jaqbeż elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

5. Fl-istess perjodu kien kompliċi ma' persuni oħra u bi ħsara ta' ħaddieħor għamel qligħ ieħor b'qerq għall-valur li jaqbeż elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering u tipproċedi sabiex minnufih taħmel ordni temporanja ta' iffirżar tal-assi tal-imsemmi Martin Cilia LaCorte.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tat-18 ta' Novembru, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-artikoli 17, 18, 23A, 23C, 31, 42, 112, 115(1)(c), 120(1), 127, 308, 309, 310(1)(a) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

---

[1] Fol.952

Illi nhar l-4 t'Ottubru, 2016, l-imputat ammetta l-akkuzi dwar frodi u cioe` ir-raba u l-hames akkuza. L-imputat lanqas ma ikkontesta l-fatt li l-meters in kwistjoni kienu gew *tampered*.[2]

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-imsemmija akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat ammetta r-raba u l-hames l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imsemmija akkuzi kif minnu ammessi.

Illi l-**Ispettur Daniel Zammit** xehed u ta rendikont dwar kif bdiet u ssoktat l-investigazzjoni wara informazzjoni li kien qed ikun hemm tbaghbis ta' *smart meters*. Wara li tnediet skema biex persuni jirregolarizzaw il-posizzjoni taghhom, ingabbret informazzjoni dwar il-persuni li kienu nvoluti f'dan it-tbaghbis ta' meters. Jispjega *"qabel u ma dawn l-installers ta' l-EneMalta li kienu jwahhlu l-meters ghand in-nies gie identifikat ukoll li kien hemm xi nies li jaghmluha ta intermedjarji, nies li jew kienu impjegati tal-EneMalta jew nies li huma estraneji tal-EneMalta illi kienu jaghmluha ta' intermedjarji fejn dawn kienu javvicinaw lill-klijenti tal-EneMalta, jghidulhom li tezisti din is-sistema fejn l-Ismart Meter jista' jigi mbaghbas biex jaqra' inqas, u joffrulhom dan l-Ismart Meter kontra pagament ta' flus. Uhud minn dawn in-nies li ghamlu dan is-self-reporting ghand l-EneMalta semmew lis-Sur Martin Cilia La Corte, li huwa l-akkuzat hawnhekk.... Martin Cilia La Corte gie jissemma' bhala persuna intermedjarja li kien avvicina l-klijenti tal-EneMalta u laqqahom mal-installers tal-EneMalta biex ikun jista' jitwahhal fir-residenza jew fin-negozju taghhom l-Ismart Meter li huwa mbaghbas."* L-imputat, li ma kienx impjegat mal-Enemalta, [3] gie nterrogat mill-**Ispettur Roderick Zammit** izda ghazel li ma jwiegeb ghall-ebda domanda.[4]

---

[2] Fol.942
[3] Fol.26
[4] Fol.30

Illi **Mantoine D'Ambrogio**, awditur fi hdan l-Enemalta, semma' kif meta sar jaf dwar dawn il-*meters* imbghabsin rraporta l-kaz lill-Pulizija. Hekk kif bdew jirrizultaw numru kbir ta' *meters* li kienu gew tampered kien hemm qbil bejn l-awtoritajiet, li persuni li kellhom meter *tampered* jinghataw *waiver* mill-Avukat Generali. Cilia La Corte kien gie msemmi minn xi 6 persuni; mhux bhala l-persuna li ghamlet l-installazzjoni imma bhala l-persuna li mexxa l-quddiem din is-sistema ta' tbghabis fl-*smart meters*.[5]

Jigi ccarat li dak li kien qed jirreferi ghalih ix-xhud bhala *waiver* mill-Avukat Generali hija l-ezenzjoni li tinghata minn kull procediment kriminali dwar atti ta' korruzzjoni jew reati ohra konnessi maghhom; ezenzjoni moghtija bis-sahha ta' l-artikolu 19 ta' l-***Att dwar il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni***, Kapitolu 326 ta' l-Ligijiet ta' Malta.

Certifikati ta' ezenzjoni gew esebiti fir-rigward ta' diversi konsumaturi minn rapprezentant tal-Ufficcju tal-Avukat Generali.[6] Minn naha taghha l-Enemalta permezz tar-rapprezentant taghha, esebiet rinunzji ta' kwerela fl-konfront ta' dawn il-persuni.[7] Christopher Chetcuti pprezenta il-*meters* tal-konsumaturi rispettivi.[8]

Illi **Carmel Scerri**, responsabbli mis-sezzjoni tal-*smart meters*, xehed kif bdiet l-investigazzjoni li rrizultat f'numru kbir ta' *meters* li kienu gew *tampered*, u fejn sar maghruf li dawn il-*meters* kienu gew installati minn *installers* partikolari bhal Ritchie Gauci, Paul Pantalleresco u Emanuel Micallef, bl-ahhar tnejn anke jkollhom *meters* tampered installati go djarhom.[9]

Illi **Joseph Saliba** in rapprezentanza tal-ETC esebixxa l-employment history tal-imputat minn fejn jirrizulta li hu kien <u>impjegat mas-Civil Protection Department</u>.

Illi **Brian Cassar**, konsumatur, spjega kif l-imputat kien qallu b'sistema biex jigi nstallat *meter* mbghabas: *"U gie u* ***qalli nsomma jaf b'din is-***

[5] Fol.34
[6] Fol.73 et seq; 139 et seq; 192 et seq
[7] Fol.93 et seq; fol.126 et seq.
[8] Fol.101; 133;
[9] Fol.37-41

***sistema jaf lil wiehed u hekk u nsomma jien accettajt hux**, u mbaghad qalli kien icempilli u ftehmna l-gurnata u kienu gew kien il-Hadd, u gie nsomma ma' bniedem iehor kien jismu Pawlu, u xejn gie qalli biex nersaq fil-genb jien u beda jaghmel xi haga fl-arlogg hawn jigifieri jaqla u dan u hekk. Ghamel forsi xi siegha hemmhekk, lesta hallastu u telaq l'hemm....* ***Tajt il-flus lil Martin u Martin ghaddihom lilu."*** L-ammont imhallas lill-imputat kien ta' €1,200.[10]

Illi **Brian Relton** xehed kif kien qed jiehu te` u gie l-imputat fuqu li offra sabiex jigi nstallat *meter* mbghabas *"Ghidtlu orrajt, qalli jien m'ghandi x'naqsam ma' xejn* ***issa nqabbadlek bniedem iehor u jirranga hu ghax ma nafx qalli l-bicca tax-xoghol ma nafx kif tinhadem, u gie haddiehor mieghu****... L-iehor jiena ma nafx x'ghamel ghax taghni dahru hux, naf li beda' jbaghbas ma nafx ma nifhimx jien....".* Jghid li hallas €2,000.[11]

Illi **John Tanti** xehed kif kien fuq il-post tax-xoghol tieghu gewwa forn u mar fuqu l-imputat u staqsieh riedx ibiddel il-*meter*.[12] Ghalkemm ghall-ewwel beza' wara accetta, *"wara xi granet jew gimghat gab persuna ohra mieghu, qaluli li ma jistax isir* ***ghax min kellu jwahhlu m'hijiex ir-rotta tieghu fejn iwahhal l-Ismart Meters****, imbaghad wara xi gimghat qaluli li jista' jsir ghax sabu* ***persuna min iwahhalhom li jwahhal fuq il-lokalita' biex niftehmu****.... imbaghad twahhal u saqsewni ghandix xi post iehor u ghidtilhom ghad-dar jiena. Le l-ewwel ma twahhal id-dar sa dan it-tant, meta gie l-ewwel darba qalli jekk ghandix xi post iehor u twahhal id-dar."* Ghal *meter* tad-dar hallas €1,600 u ghal dak tal-form €5,200.[13] Il-fatt li tissemma' r-rotta ta' fejn kienu jitwahhlu l-*meters* hi prova lampanti li **l-imputat kien konsapevoli ta' u kien qed jisserva bil-posizzjoni tal-installer biex jaghmel negozju minn dik is-sengha tieghu!**

Illi **Michael Camilleri** gharaf lill-imputat bhala l-persuna li hajjritu jaghmel din is-sistema ta' dawl fejn biha seta' jiffranka l-flus billi jbiddel l-*meter*.[14] Ghalkemm ma jafx il-persuna li installat il-*meter* il-gdid hallas

---

10 Fol.104
11 Fol.109-112
12 Fol.114-115
13 Fol.115-116
14 Fol.147

€2,000 *"Lil Martin tajtu hmistax il-mija fil-bidu mbaghad kien fadalli ntih hames mija."*[15]

Illi **Roderick Rausi** semma kif kien gie avvicinat mill-imputat, klijent tieghu, meta kien il-hanut[16] sabiex *"nibdel il-meter u naghmel wiehed li jahdem iktar bilmod u accettajt."*[17] Kienet persuna ohra li wahhlet il-*meter* izda hu kien hallas lill-imputat €2,300 f'zewg pagamenti, *"hu offrieli skema u jien accettajt."*[18]

Illi **Alfred Borg** xehed kif l-imputat staqsieh riedx *meter* li jaqra inqas[19] u kien accetta. **Ftit wara mar persuna mill-Enemalta** biex jaghmel ix-xoghol izda hu kien hallas lill-imputat €1,500 ghal zewg *meters*.[20] In kontro-ezami ikompli li wara li gie installat *meter* fil-hanut l-imputat offrielu biex jaghmel iehor id-dar u hekk sar.[21]

Illi **Adrian Attard** xehed kif kien ltaqa' mal-imputat li offrielu sabiex jigi rrangat il-*meter* u *li "laqqani ma' xi hadd li kien kapaci jirrangah biex jigi jaqra iktar bilmod.... Gew id-dar u rrangawh hux."* L-imputat kien laqqaw ma min irranga l-*meter* li kien jismu Paul.[22] Kien halla €1,400 fuq il-bank li ngabru minn dan Paul.[23]

Illi **Valerio Camilleri** jixhed li wara li l-imputat kien avvicinah fuq il-post tax-xoghol tieghu, il-Construct Furniture, u offrielu *"Biex inaqqasli mill-arlogg fhimt milli jahdem hafna. Imbaghad gew id-dar tieghi*[24]*....qbilna fuq kompromess ta' pagament... Xi elf u erba' mitt Euro. Gew id-dar tieghi ma niftakarx meta gurnata ezatti gew id-dar tieghi bazikament u sar it-tbaghbis fl-arlogg."*[25] Qabel kien xehed kif *"gew tnejn minn nies wiehed minnhom Martin Cilia La Corte kif ukoll certu wiehed Pawlu, ma nafx x'kunjomu ezatt, dawn gew id-dar tieghi, bazikament bdew jaqalghu s-sigilli kif ukoll qalghu l-*

---

[15] Fol.151
[16] Fol.156
[17] Fol.154
[18] Fol.157
[19] Fol.159
[20] Fol.160
[21] Fol.161-162
[22] Fol.204
[23] Fol.205
[24] Fol.209
[25] Fol.210

*arlogg minn postu.."*[26] Ghalkemm ftiehem fuq il-pagament mal-imputat hu kien hallas lil Pantalleresco €1,400.[27]

Illi **James Cefai**, impjegat mal-Construct Furniture, spjega kif kien il-canteen tax-xoghol u l-imputat avvicinah meta semghu iggerger fuq kontijiet gholjin tad-dawl u qallu li ghandu arlogg hazin.[28] Meta gie mibdul il-*meter* kienu tnejn minn nies, u l-flus it-tnejn li huma hadduhom.[29] Jikkjarifika li meta hareg mill-canteen qallu li seta' jtih numru sabiex is-sitwazzjoni tigi remedjata. Fil-fatt kien qallu li ta xejn icempel lil Enemalta u tah numru fejn kellu jcempel. Jghid li min ghamillu din il-bicca tax-xoghol gharrfu bhala Pawlu Pantalleresco li tressaq il-Qorti *"Pawlu gie d-dar biex jaqla l-arlogg u pogga iehor."*[30]

Illi **Arnold Vella**, li ghandu showroom Fair Deal Furniture, xehed kif iltaqa' mal-imputat *"Kont qieghed hemmhekk jiena u dahlet persuna li ma nafhiex, u dahlet hemm gew u staqsietni wara ftit, wara xi diskussjonijiet ifhimha fuq xi ghamara, qaltli minn jaf kemm jigik il-kont tad-dawl hawnhekk hux. Bqajt inhares naqra lejha jiena ghidt bhal speci mela gie bhala salesman biex ibeghli xi solar. Qed tifhem? Imbaghad qaltli li nistghu mbaghbsu l-meter"*. Jghid li ghall-ewwel l-imputat dahal bhala klijent *"imbaghad staqsieni minjaf kemm nircievi kont tad-dawl u hafna affarijiet minn dawn bhal speci qed tifhem"*[31] Ikompli li l-imputat mar kemm il-darba ix-showroom biex jara x'kien iddecieda u fl-ahhar ix-xhud accetta u qablu fuq ekwivalenti ta' Lm700[32] *"Il-flus ghaddejthom lil Martin okay dakinhar stess u minn hemmhekk l'hemm ma nafx x'gara jigifieri."*[33]

Illi **Roderick Borg** li jahdem bhala tillar u sprayer, rrakonta kif kien fuq il-post tax-xoghol u l-imputat staqsieh jekk riedx ikollu kontijiet tad-dawl irhas u *"kien qalli li jaf persuna min jista' jaghmilli dan il-process...tal-*

---

26 Fol.209

27 Fol.210

28 Ghall-ewwel ix-xhud baqa' lura milli jidentifika lill-imputat izda wara li gie mwissi mill-Qorti u nzamm appartat, meta rega' xehed gharraf lill-imputat bhala l-persuna li avvicinatu- fol.219.

29 Fol.217

30 Fol.221

31 Fol.237

32 Ekwivalenti ghal €1,600

33 Fol.239

*meter*[34]*...imbaghad intqajna fuq il-post gabli lil din il-persuna l-ohra u ghamluli l-meter....Paul Pantalleresco....."*[35] Jikkonferma li meta hallas €1,630 jew €1,730 kemm Cilia la Corte kif ukoll Pantalleresco kienu prezenti[36] *"hallejthom ghandi tavolina fil-kurutur u jien ma qadtx hdejhom fhimt, meta bdew jaghmlu l-affarijiet, pero naf li x'hin gieli ttawwalt kien Paul Pantalleresco li qed jaghmel il-meter."*[37]

Illi **Philip Degabriele** xehed kif l-imputat *"kien avvicinani biex jiena niffranka xi haga fid-dawl u jien dakinhar ma kontx tajtu risposta fuqha. Ergajna ntqajna l'ghada u ergajna tkellimna u qalli biex naghmlu appuntament biex naghmluha...... Intqajna fuq il-post finalment ftehmna hin u gurnata u sar... Sar li l-meter ma baqghax iteptep kif kien, beda' jteptep inqas bhala l-bozza tieghu fhimtha?"*. Innotta rohs fil-kontijiet u jghid li hallas €1,500 lil Paul Pantalleresco.[38] Meta gie riprodott jikkjarifika li kien ltaqa' mal-imputat go bar f'Hal-Luqa *"kien qalli "isma trid tiffranka daqxejn mill-kont tad-dawl?"…U kien avvicinani biex nghamluha. Jien dak inhar ma kont tajtu l-ebda risposta. Umbghad ergajna ltqajna u konna ghamilna appuntament u ftehmna hin biex issir….Jien innutajt li l-bozza tal-metre kienet tbati, tteptep inqas. Bdiet itteptep inqas u ovvjament jimmarka inqas hux hekk."* Meta sar il-bdil fil-meter fuq il-post kien mar Cilia La Corte ma Paul Pantalleresco.[39]

Illi **Anthony Vella** xehed kif waqt li kien fil-hanut tal-ghamara Fairdeal li hu ta' ibnu, persuna kienet hajjret lill-ibnu jaghmel sistema biex jiffranka fil-kontijiet. Sussegwentement ibnu hajjar lilu u kien ibnu li ghamel il-ftehim biex dan isir. Jghid li hu kien id-dar meta l-imputat u persuna ohra marru id-dar tieghu jaghmlu x-xoghlijiet u s-somma miftehma kienet ta' €1,800 *"ix-xoghol gew it-tnejn li huma imma wiehed hadem fuq il-meter"*[40]. Jixhed li ibnu ghadda l-flus lill-imputat.[41]

Illi **PS88 Aldo Cassar** xehed kif mill-garaxx ta' Pantallaresco giet elevata kaxxa ghodda li fosthom kien hemm bicca ghodda li *"kienet inhadmet minnu biex setgha jsir it-tbaghbis fil-meters, Pawlu kien hadem reggha l-*

---

[34] Fol.241
[35] Fol.242
[36] Fol.243
[37] Fol.244
[38] Fol.260-261
[39] Fol.886-887
[40] Fol.1019
[41] Fol.1020

*ghodda, din mhux l-ghodda originali li kien uza. Reggha hadem l-ghodda biex kien ha juri l-Enemalta kif il-meters huwa minnu li jinfethu u kif setghu jinfethu biex l-Enemalta tiehu l-pre-cautions taghha u ma tergax tghaddi mix-xiri ta' dawn il-meters li kien hemm.."*[42]

Illi **Mantoine D'Ambrogio** riprodott kemm il-darba kkonferma li l-imputat kien ikkowopera mal-Enemalta meta tahom lista ta' postijiet li skond hu kienu gew installati *tampered meters* [43] u minn dawn l-investigazzjonijiet l-Enemalta rrkuprat €86,000. Apparti dan l-imputat ta informazzjoni ta' natura teknika li x-xhud jiddefinixxi bhala *"zvolta fuq il-kaz"* li kienet ghada qed tigi investigata peress li ma kienux konsapevoli dwarha.[44] Ix-xhud qal li l-Enemalta ma kellhiex interess ulterjuri fil-proceduri fil-konfront tal-imputat u lanqas li jintbghat il-habs. Meta rega' xehed[45] spjega kif l-imputat rega' avvicina lil Enemalta spontanjament u tahom informazzjoni ohra dwar kazijiet li hu ma kellux rwol fihom imma kien sar jaf dwarhom.[46] L-imputat anke assisgurah li kull informazzjoni ulterjuri li jsir jaf dwarha kienet ser tigi mghoddija lil Enemalta. Aktar il-quddiem xehed li l-imputat kien ghadda informazzjoni ulterjuri li kienet qed tigi investigata.

Illi xehdet il-**Probation Officer Svetlana Bezzina** li semmiet kif l-imputat kien qed juri rimors ghall-ghemilu, fejn irikonoxxa li spicca tilef u mhux iggwadanja mill-agir tieghu. Kien qed jaghmel sforzi sabiex isir riparazzjoni u kien ghalhekk li ghazel jikkowopera mal-Enemalta billi jtiha informazzjoni li setghet twassal sabiex il-kumpanija tirkupra it-telf soffert minnha. Gie suggerit li jinghata ordni ta' servizz fil-kommunita` fil-massimu sabiex ikompli jitkattar l-element ta' riparazzjoni fl-imputat lejn is-socjeta`.[47]

Illi **Paul Pantalleresco** xehed kif kien wehel habs dwar *meters* li kien installa u li kien sar dbghabis fuqhom. Jghid li kien gie identifikat mill-*meters* imbghabsin li kien ikollhom numru u sigilli li jiddentifikaw l-installer partikolari, f'dan il-kaz lilu: *"sabu l-meters tieghi bil-meter numbers*

[42] Fol.904-905
[43] Fol.927 et seq
[44] Fol.928-929
[45] Fol.944 et seq.
[46] Fol.944
[47] Fol.955; Rapport a fol.959

*li huma tieghi personali li kienu mbaghbsin.... Ovvjament l-meter ikollu meter number u dak il-meter number ikunu jafu ta' min hu bis-sigilli b'kollox.....sabu meter number li kien jghajjat lili, meta jkun fuqi l-meter ghandi l-meter number ovvjament."*[48]

Mistqosi min kien javvicinah biex isir it-tampering jghid li *"gieli javvicinani tkun l-istess persuna….l-konsumatur gieli jmur ghandha"*[49] Ghal-ewwel ix-xhud hu evaziv ghall-ahhar milli jiddentifika l-persuna li kienet l-intermedjarju bejnu u l-konsumatur, izda iktar il-quddiem spjega li **l-imputat kien jiehdu f'postijiet biex isir xoghol fuq meters fejn kien ikun hu li jaghmel ix-xoghlijiet fuq il-meters** *"Biex jigi jibda' jonqos it-tidwir tieghu.... biex jigi konsum inqas."* Jghid li **meta kien imur jinstalla l-*meter* mal-imputat kien l-imputat li kien jigbor il-flus**. [50]

Jixhed li l-ammont kien ikun ta' madwar €500 li kien jinqassmu mal-imputat nofs bin-nofs.[51] In kontro-**ezami jikkonferma l-irwol tal-imputat *"Jiena ma kellix x'naqsam mall-konsumatur...[il-flus] Jghaddihomli Martin....Jiena qatt ma hadt flus"*** imma l-konsumatur kien jghaddi l-flus lill-imputat li wara kienu jinqassmu max-xhud.[52] Jirrepeti li l-konsumatur kien ikellem lill-imputat meta jsir **il-ftehim *"Le lilu direttament mhux lili*** *hux.*[53]*..... bhala deal jien ma kellix x'naqsam."*[54]

Illi **Mireille Mifsud** in rapprezentanza tal-People and Standards Division fi hdan l-Ufficju tal-Prim Ministru, kkonfermat li l-imputat kien ilu ufficjal pubbliku mill-1 ta' Jannar, 1992, filwaqt li Paul Pantalleresco kien meqjus bhala impjegat fis-settur pubbliku minhabba li kien impjegat mal-Enemalta.[55]

***L-ewwel imputazzjoni – Korruzzjoni***

---

[48] Fol.995
[49] Fol.996
[50] Fol.1000
[51] Fol.1001
[52] Fol.1003
[53] Fol.1004
[54] Fol.1005
[55] Fol.1009

Illi ser issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saveria sive Saverin Sinagra** fejn il-Qorti tal-Magistrati ghamlet ezami *funditus* dwar ir-reat ravvizat bl-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali: [56]

> Illi minn ezami ta'l-**artikolu 115** tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni jirrizulta illi l-elementi bazici li jridu jigu ippruvati huma essenzjalment erba' u cioe`:
>
> 1. in-natura ufficjali jew pubblika ta'l-impieg tal-persuna ikkoncernata.[57]
>
> 2. li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-ligi.[58]
>
> 3. li dana jkun in konnessjoni ma'l-istess kariga jew impieg.
>
> 4. li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu/taghha.[59]
>
> Illi b'rabta ma' din id-disposizzjoni tal-ligi, l-Avukat Generali iccita wkoll l-artikolu 120, fejn titqies bhala komplici il-persuna li tikkorrompi l-ufficjal pubbliku.
>
> Illi ghalhekk l-ewwel element essenzjali ghal kummissjoni ta' dana ir-reat huwa n-natura ufficjali jew pubblika ta'limpieg tal-persuna li qed tigi korrota. Illi l-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar id-dritt penali ighid: "***The character of public officer or person employed under the Government is the first essential of this crime. The wording is very wide and embraces all officers or employees under the Government. ... It includes all public officers or employees whether their duties are judicial, ministerial or executive or mixed.***"
>
> Illi l-artikolu 92 imbaghad jiddisponi testwalment illi:
>
> **"Taht il-frazi generali 'ufficjal pubbliku' jidhlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, civili u militari, izda wkoll dawk il-persuni kollha li huma mahtura skond il-ligi sabiex jamministraw xi parti tas-setgha ezekuttiva tal- Gvern, jew biex jezegwixxu xi dmir iehor pubbliku impost mil-ligi, sew gudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-wahda u l-ohra."**

Illi apparti ghall-konferma moghtija mix-xhud Mireille Mifsud, l-artikolu 28(5) ta' l-Att dwar l-Enemalta, Kapitolu 272 tal-Ligijiet ta' Malta,[60] li kien fis-sehh fiz-zmien tar-reati addebitati lill-imputat, kien

---

56 Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Deciza 30.06.2010 per Onor. Magistrat Dr. Edwina Grima.

57 Vide ukoll **Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar** (Appell, Deciza 19 ta' Lulju, 1982).

58 Vide ukoll **Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri et** (Appell, Deciza 25 ta' Lulju, 1986)

59 Vide ukoll Il-**Pulizija v. Alfred Demicoli** (Appell, Deciza 2 ta' Mejju 1985)

60 Imħassar bl-*Att tal-2014 dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta*, Att XXXIV tal-2014, Kapitolu 536 tal-Ligijiet ta' Malta, li dahal fis-sehh fis-27 t'Awissu, 2014, (ghajr ghall-artikolu 4 dwar 'Impjegati tal-Korporazzjoni', li gie fis-sehh fil-25 t'Awissu, 2014).

jipprovdi li l-impjegati w ufficjali tal-Enemalta ***"ghandhom jitqiesu li huma ufficjali u impjegati pubblici skond it-tifsira tal-Kodici Kriminali".*** Mhemmx dubbju ghalhekk li Pantalleresco kien jikkwalifika bhala ufficjal jew impjegat pubbliku. Ghalhekk l-ewwel element jirrizulta pruvat.

Dwar it-tieni element, il-persuna li tikkwalifika bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, trid tkun irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u li dawn ma jkunux dovuti skond il-ligi. Illi mill-provi akkwizti gie ampjament pruvat, li Pantallaresco kien jaccetta hlasijiet li kienu jigu mghoddija lilu mill-imputat, liema flejjes certament ma kienux dovuti lilu skond il-ligi, ghaliex dak li kien jaghmel ma kienx fl-ambitu tal-impjieg tieghu jew bhala parti mid-doveri tieghu.

Dan jorbot mat-tielet element essenzjali ghal kummissjoni ta' dan ir-reat u cioe` illi l-weghda tal-flus trid tkun marbuta mal-kariga jew impieg ta' l-ufficjal in kwistjoni. Gie soddisfacentement pruvat li Pantalleresco gie maghzul mill-imputat minhabba l-impjieg tieghu, dik ta' *installer* ta' *meters* fl-Enemalta, b'access liberu ghal *meters* li kienu jkunu diga registrati fuqu.[61] Kienet is-sengha ta' Pantalleresco li l-imputat identifikaha bhala ghodda utili sabiex jinnegozja min fuqha u jisfrutaha! L-imputat, il-korrutur, kien konsepevoli tal-kariga u impjieg ta' Pantalleresco, il-korrott, tant li anke mal-konsumatur John Tanti kien iffissa appuntament sabiex issir it-tbghabis f'jum meta Pantallaresco kien ikun fuq ir-rotta li tinkludi dik l-lokalita`.[62]

L-ahhar rekwizit imbghad, li gie wkoll ampjament ppruvat, kien li l-ufficjal in kwistjoni, Pantallaresco, gie imhallas biex jonqos milli jaghmel dak li kien fid-dmir illi jaghmel. Minflok hares l-interessi tal-kumpanija, l-id li kienet qed tipprovdi l-ghajxien kwotidjan tieghu u ta' familtu, ra kif ghamel biex il-kumpanija tigi derubata u mcahhda minn dak dovut legalment lilha!

Fis-sentenza citata dik il-Qorti kompliet hekk:

> ......Illi l-artikolu 120 iqis lil persuna li tikkorrompi ufficjal pubbliku bhala komplici fir-reat previst f'dana il-kaz fl-artikolu 115. Illi l-ligi taghti definizzjoni ta' min jitqies li huwa komplici fl-artikolu 42 fejn hemmhekk jigu ikkontemplati hames sitwazzjonijiet fejn persuna tirrendi ruhha komplici. Illi

61 Fol.995
62 Fol.114-115

mill-qari ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi jidher car illi f'kull cirkostanza ikkontemplata irid ikun hemm 'l hekk imsejjah *common design* bejn l-awtur u ilkomplici. Ma hux necessarju, kif tikkontendi id-difiza illi l-komplici ikun ghamel xi forma ta' qliegh huwa innifsu u cioe' ikun kiseb xi vantagg finanzjarju. ……

Illi kif gie deciz f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Camilleri et.** deciza fit-30 ta' Lulju 2009, mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali:

**"Il-korruzzjoni li dwarha qeghdin nitkellmu hi, skond id-duttrina prevalenti, karatterizzata minn ftehim volontarju bejn l-ufficjal (jew impjegat) pubbliku u l-persuna li tikkorrompi (li, kif inghad, hija kkunsidrata fil-ligi taghna bhala komplici) permezz ta' liema ftehim jitwieled veru u proprju *pactum sceleris*."**

Il-Professur Mamo ighid: "***The briber or corruptor is only an accomplice in as much as he instigates or strengthens the resolution of the public officer or employee by giving or offering rewards or promises."*** (sottolinjar tal-Qorti)

Il-**Professur Mamo** ikompli:

Sections 114[63] and 118[64] deal with the crimes of bribery and corruption of public officers. …

As it is only a public officer or employee who can sell away an act of public office, so it is only he that can be considered as the principal offender in the crime of corruption. The briber or corrupter is only an accomplice in as much as he instigates or strengthens the resolution of the public officer or employee by giving or offering rewards or promises. And as the crime is completed by the mere acceptance, on the part of the public servant, of the reward or offer, so also it must be considered in respect of the corrupter.

Our Code at Sec.118 expressly applies to the corrupter the rules of complicity. If the crime of corruption is, therefore, completed by the unholy compect of the public servant and the private person, the latter is liable to punishment whether the corruption has as its object the performance by the public officer of his duty or his failure in such duty. And the punishment of the corrupter varies with that of the public servant. The consequences arising out of the personal circumstances of the public servant in the principal offender are, in their entirety, imputable to the accomplice: for this circumstance is an essential ingredient of the principal crime and an indispensable condition for its commission.

Illi mill-provi migjuba ma hemmx dubbju illi fil-kaz in dizamina kien hemm *pactum* jew ftehim bejn Martin Cilia La Corte u Paul Pantalleresco, is-suggett passiv ta' dana il-korruzzjoni.

F'sentenza ohra, **Il-Pulizija vs Alfred Attard,** wara li l-Qorti ghamlet l-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-grad ta' prova li trid tilhaq il-

[63] Illum l-artiklu 115 tal-Kodici Kriminali
[64] Illum l-artiklu 120 tal-Kodici Kriminali

prosekuzzjoni, konsiderazzjonijiet li jsibu applikazzjoni anke fil-kaz prezenti, iddecidiet:[65]

> Qabel ma din il-Qorti ser tiddiskuti l-fatti specie tal-kawza odjerna, thoss li ghandha tfakkar lil Prosekuzzjoni, li l-grad ta' prova li ghandha tilhaq hu dak li ma jhalli ebda ombra dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra, ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li gudikant irid jasal ghalih huwa li, wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha u b'applikazzjoni tal-boun sens tieghu ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.
>
> Kif gie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija v Paul Farrugia** moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta ta' Marzu 2000***:
>
> "*Hija dejjem l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi jew diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant."*
>
> Illi pero huwa importanti wkoll li jigi enfasizzat f'dan l-istadju dak li ntqal fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Gunju, 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Dawood Sayed Dawood Abdel El Kaader** fejn saret referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet **Teper vs The Queen [1952] AC 480, 489** fejn intqal:
>
> *"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*
>
> Jigi rilevat li prova cirkostanzjali trid twassal ghal prova univoka u cioe l-unika interpretazzjoni li dik il-prova cirkostanzjali hija wahda biss u meta tali prova tkun ekwivoka, din il-prova ma jkollha ebda prova legali.
>
> Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v David Gatt** deciza ***mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Gunju, 1998*** dwar prova cirkostanzjali u cioe li:
>
> "*Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.*"
>
> …..**Dwar t-tieni akkuza**, u cioe dik ta' korruzzjoni ta' ufficjal kif kontemplat fl-artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlettax ta' Marzu 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Omissis Carmelo sive Charles Attard** fejn intqal li bhala premessi fondamentali ghas-sussistenza ta' dan r-reat, l-artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tippreciza li:
>
> *"Jkun hemm r-reat ta' korruzzjoni meta kwalunkwe ufficjal jew impjegat pubbliku jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor, xi rigal jew weghda, jew xi offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor, jew ta' xi vantagg iehor li ghalihom huwa ma jkollux jedd u jippreciza in oltre, li tali abbuz irid ikun sar in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu …"*
>
> Dik l-istess ***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar l-hdax ta' Dicembru 1956*** fl-**ismijiet Il-Pulizija v Geraldo Sacco**, sostniet li:

[65] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Guikatura Kriminali, Deciza 28.02.2005 per Onor. Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera.

*"Biex tkun tista tigi sostnuta l-korruzzjoni, hemm bzonn qabel xejn li jigi stabbilit ness bejn l-accettazzjoni ta' flus jew utili iehor u l-ezercizzju tal-kariga jew impjieg pubbliku."*

Mhemmx dubbju li bil-provi li ngabu mill-prosekuzzjoni, tali ness gie ampjament ppruvat. Il-flus li kien qed jaqsam l-imputat korrutur ma Pantallaresco (il-korrot), kienu in konsiderazzjoni tax-xoghol li Pantallaresco beda' jaghmel fil-kwalita` tieghu ta' impjegat pubbliku (*meter installer* mal-Enemalta). Ghaldaqstant l-ewwel imputazzjoni giet pruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

### *It-Tieni Imputazzjoni - Konkussjoni*

Illi tajjeb issir distinzjoni bejn ir-reati ravvizati bl-artikolu 115 (dak ta' **korruzzjoni**) u dak bl-artikolu 112 (il-**konkussjoni**), it-tieni imputazzjoni. Mill-mod xejn felici li biha giet redatta l-akkuza, Cilia La Corte gie akkuzat li kkorrompa u kien kompliċi fil-konkussjoni li twettqet minn Pantallaresco.

Issa l-element essenzjali tar-reat ta' korruzzjoni hu n-natura bilaterali ta' l-istess reat li timplika neccessarjament l-attivita` pozittiva ta' persuna ohra sabiex jissusisti dak ir-reat. Hemm il-htiega li jkun hemm kemm il-persuna tal-korrott [l-ufficjal pubbliku], kif ukoll dik tal-korruttur (f'dan il-kaz l-imputat), u cioe` tal-persuna li toffri jew li taccetta li taghti xi rigal jew flus jew weghda ta' rigal jew utli iehor sabiex tikseb beneficcju ghalija jew ghal persuna ohra bl-intervent tal-ufficjal pubbliku li jkun gie korrott.

Dan kollu jimplika illi l-**korruttur irrid ikun involut xjentement u konsenswalment fl-azzjonijiet li jikkostitwixxu r-reat ta' korruzzjoni**. Inkella jekk dan ma' jkunx il-kaz u jirrizulta illi jkun l-ufficjal pubbliku li ressaq talba ghall-hlas illecitu lill-persuna ohra [sabiex jaghmel xi haga fl-ambitu tal-kariga tieghu] liema persuna pero ma' tikkondividix u ma' taqbilx illi taghmel dan, allura f' tali sitwazzjoni **ikun l-ufficjal pubbliku biss illi kkometta azzjoni kriminali** billi dan ikun ittenta jikkometti jew ikkometta nfrazzjoni kontra l-ligi kif mahsuba fl-artikolu 112 tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta – **il-konkussjoni**.

Dwar ir-reat ta' konkussjoni l-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-***Noti*** tieghu taht t-titolu imsejjah '***Of the Abuse of Public Authority***' jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u cioe:[66]

> *"1. The public character of the offender;*
>
> *2. The unlawful exaction; u*
>
> *3. The colour of office."*
>
> It is, in the first place necessary that the offender be an officer or employee of a public administration or a person employed by or under the Government.

Illi ssir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Faure**:[67]

> It-tieni aggravju jirrigwarda l-imputazzjoni fejn l-appellat gie akkuzat bi ksur ta' l-artikolu 112 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi:
>
> **"Kull ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taht il-libsa tal-kariga tieghu, jesigi dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa sena."**
>
> L-elementi mehtiega biex jissussisti dan ir-reat huma: (1) il-karattru pubbliku tar-*reo*, (2) li jesigi xi haga llegalment, (3) taht il-libsa tal-kariga tieghu.
>
> L-appellant isostni illi t-tieni imputazzjoni tirrizulta ghaliex gie skopert li kien intbaghat cekk personali lill-appellat fl-Enemalta ghal Stg150. Izda l-artikolu 112 jitkellem dwar min "jesigi" (fit-test Ingliz *"exact"* – li jfisser *"to compel"*, *"to demand"*, *"to force"*, ecc.). Minn imkien ma jirrizulta li l-appellat "esiga" pagamenti. ......
>
> B'referenza mbaghad ghat-tielet element, il-Prof. Mamo jikkummenta[68]: *"The exaction thus creates in the private contributor a sense of grievance against the Government by making him believe that by order or the authority of the Government exorbitant fees or too heavy impositions are exacted."* [sottolinejar tal-Qorti]

Illi **F. Antolisei**[69] jghid dan dwar ir-reat ta' konkussjoni, fejn anke jiddistingwieh mir-reat ta' storn jew 'peculato':

---

[66] Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 80
[67] Onor Imhallef Dr. David Scicluna, Appell Numru 251/2007; Deciza 08.06.2007
[68] Pagna 82
[69] **F. Antolisei**, Manuale di Diritto Penale parte Speciale -II, p. 293-300. Undicesima Edizione, Giuffre Editori (1994).

"… si ha concussione allorche` il pubblico ufficiale o l'incaricato di pubblico servizio «abusando della sua qualita` o dei suoi poteri, costringe o induce taluno a dare o a promettere indebitamente, a lui o ad un terzo, denaro od altra utilita`».

In questa figura delittuosa il pubblico ufficiale o l'incaricato di pubblico servizzio si avvalgono illegittimamente della loro posizione per procurarsi, da persone che hanno rapporto con l'Amminstrazione, vantaggi che loro non spettano. Lo scopo dell'incriminazione e' duplice: da un lato tutelare l'interesse dell'Amministrazione alla imparzialita`, corretezza e buona reputazione dei pubblici funzionari; dall'altro, impedire che gli estranei subiscano soprafazzioni e, in genere, danni per gli abusi di potere dei funzionari medesemi. Nessun dubbio, pertanto, che ci troviamo di fronte ad un reato *plurioffensivo*.

*A). Soggetto attivo* del delitto era in passato soltanto il pubblico ufficiale e non l'incaricato di un pubblico servizio. Tale limitazione fu oggetto di critiche e poiche` era tutt'altro giustificata, la legge 26 aprile 1990, n.86 ha provveduto a inserire tra I soggetti attivi anche gli incaricati di pubblici servizi.

*Soggetto Passivo*, oltre alla pubblica Amministrazione, e' la persone che subisce il danno particolare derivante dall'azione criminosa. La legge indica tale persona col termine «taluno», termine che comprende non solo il privato, ma anche le persone investite di mansion di interesse pubblico, di qualsiasi categoria e grado e persino gli enti pubblici….

*C)*. L'abuso di cui si e` parlato deve avere per effetto *il costringimento* o *l'induzione* della vittima alla dazione o promessa a cui tende il funzionario. A second ache si verifichi l'uno o l'altra si parla in dottrina di «concussione esplicita» e di «concussione implicita»…..

*D)* Il costringimento o l'induzione deve avere per effetto una *dazione* o *promesssa indebita*….

Per l'incontro il delitto *de quo* deve escludersi nel caso che la prestazione sia dovuta alla pubblica Amministrazione. Il funzionario che la ottenga con abuso dei suoi poteri, rispondera` di peculato se la converte in proprio profitto, mentre se nessun vantaggio personale trae dalla sua azione, incorrera` in sanzioni disciplinari, non essendo possibile ravvisare nel fatto gli estremi del reato di cui all'art.323 (abuso d'ufficio), specie quando esso e` dovuto ad eccesso di zelo. [sottolinejar tal-Qorti]

Fit-**Trattato di Diritto Penale Italiano [Quinta edizione – Professori P. Nuvolune e G. D. Pisapia] Vol.V, Capo III** jinghad:

*"Il criterio distintivo tra la corruzione passiva e la concussione si trae principalmente dall' oggetto giuridico di codesti delitti, e dal carattere di reato bilaterale che ha la corruzione, mentre la concussione ha natura unilaterale.*

*Infatti col reprimere la concussione si vuole impedire che i pubblici ufficiali abusino del loro ufficio pre trarre illeciti profitti, estorcendo o carpendo cio' che loro non e' dovuto. E' quindi l-avida procacita del funzionario che si colpisce;* ***e' la sua iniziattiva nell' estorcere o nel carpire l' indebito, che viene punita****.* ***Colui che da' o prommette e' una vittima del pubblico ufficiale: e' sempre soggetto passivo del reato****.*

*Nella corruzione invece, cio' che viene in considerazione e' l' illecito rapporto consensuale tra il pubblico ufficiale e l' estraneo interessato: il primo cede, sfrutando ingordamente l' ufficio o*

*tradendolo per venalita', alle accaparanti iniziative altrui. Egli acetta ignominiosamente o perfidamente ma' non aggredisce ne richiede.*

*……**Nella concussione il funzionario CHIEDE, nella corruzione invece ACCETTA.**"* [sottolinejar u emfazi tal-Qorti]

Ghalhekk is-suggett passiv fir-reat taht l-artikolu 112 qatt ma jista' jiffigura bhala komplici izda biss bhala vittma, altrimenti l-kondotta tas-suggett passiv tinkwadra ruha **f'komplicita` fir-reat ta' korruzzjoni ai termini tal-artikolu 120** tal-Kodici Kriminali, kif irrizulta fil-kaz in dizamina. Hu precizament minhabba dan l-element li l-artikolu 120 tal-Kodici ma jinkludix ukoll l-artikolu 112 (u fuq l-istess ragunament dak ta' storn taht l-artikolu 127), bhala reati, li fihom jinkwadra l-persuna tal-komplici.

Terga' ssir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Alfred Attard** msemmija aktar il-fuq:[70]

Illi l-imputat huwa primarjament akkuzat bir-reat dispost fl-artikolu 112 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe "Ufficjal Pubbliku li jesigi flus kontra l-ligi" li jiddisponi s-segwenti:

*"Kull ufficjal jew impjegat f'amminstrazzjoni pubblika u/jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, jew jekk ikollu, kemm jekk ma jkollux, jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi **taht l-libsa tal-kariga tieghu, jesigi** dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond l-ligi…"*

Dan hu reat komunement maghruf bl-ingliz bhala dak ta' 'unlawful exaction'. .....

Illi ghalhekk huwa importanti li jigi ppruvat li l-malvivent huwa ufficjal jew impjegat t'amministrazzjoni pubblika jew persuna impjegata mal-Gvern jew mill-Gvern. Il-ktieb tal-ligi huwa wiesgha hafna u ghalhekk jinkludi kull persuna li huwa direttament jew indirettament fis-servizz pubbliku.

B'hekk kwalunkwe persuna li m'ghandhix dan l-impjieg, ma tistax tinstab hatja ta' dan r-reat anke jekk talab xi flejjes jew oggetti ta' valur zejda waqt il-qadi ta' dmirijietu anke jekk ittanta jghamilha ta' ufficjal pubbliku. Ghalhekk il-kariga ta' ufficjal pubbliku hija element inerenti ta' dan r-reat u mhux cirkostanza aggravanti bir-reat.

Mill-banda l-ohra, jekk il-persuna li qed titlob l-flus jew hag' ohra li mhix dik skond l-ligi, tinsab f'dan is-servizz pubbliku kif fuq deskritt huwa immaterjali jekk ghandu jew m'ghandux skond l-impjieg tieghu, d-dritt li jircievi flus jew effetti ta' remunerazzjoni ghas-servizzi tieghu jew akkont tal-Gvern jew stabbiliment pubbliku iehor. Din id-disposizzjoni ghandha tigi nterpretata b'mod generali ghaliex r-reat huwa wiehed li jista jigi kommess minn kwalsiasi tip t'ufficjal, kemm jekk jithallas b'mod regolari b'salarju, b'imqieta jew anke jekk jaghti servizz gratuwitu.

---

[70] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Deciza 28.02.2005 per Onor. Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera.

**It-tieni element** huwa li jintalab flus jew haga li mhux dovut legalment 'unlawful exaction'. Dak li jitlob il-malvivent ghandu jkun dak li mhux intitolat ghalih jew huwa in eccess ghal dak li huwa intitolat ghalih, jew li huwa mitlub qabel ma huwa dovut. Il-pubbliku ghandu jkun protett minn tali forma ta' dan r-reat tant ikrah. Ir-reat huwa komplet [u ma jissejjahx attentat anke skond l-awturi famusi] meta hemm t-talba illecita bl-ingliz 'exaction', anke jekk il-vittma ma tkunx halset jew accettat li thallas dak li kien mitlub ihallas illegalment.

Skond il-**Professur Mamo**:

*"The mere demand by the public officer or servant, provided it is serious and calculated potentially to achieve the intent, is sufficient to complete the crime."*

Dan hu reat formali u dak li l-ligi thoss li ghandha tipprevjeni ma hux d-dritt ta' pussess privat izda d-dritt pubbliku li l-istat ghandu jiggarantixxi li jagixxi b'mod gust u ekwu tramite r-rappresentanti tieghu u cioe l-impjegati pubblici, u dan d-dritt huwa vjolat meta impjegat pubbliku jesigi dak li mhux intitolat ghalih jew hu in eccess ghal dak li hu intitolat ghalih jew jesigi dak li ma jkunx ghadu dovut

lilu. Ghalhekk b'dan nifhmu ahjar dak li trid il-ligi meta fid-disposizzjoni fuq imsemmija insibu l-kelma "tesigi" u cioe fis-sens li ghandha tifhem li rikjesta llecita hija bizzejjed ghal esistenza ta' dan r-eat u m'hemmx bzonn li dak li jkun, ikun ircieva dak li talab jew ahjar esiga.

Lanqas ma huwa necessarju skond l-ligi li l-ufficjal pubbliku li jesigi flus jew hwejjeg, jaghmel dan ghal gwadan tieghu. Huwa reat anke jekk dak l-ufficjal jesigi flus jew hwejjeg mhux dovuti legalment u jircievi u jehodhom ghal gwadan tal-Gvern.

Skond l-awtur Taljan **Maino**:

*"Il reato di consussione consisteva nell'abuso dell'autorita per riscuotere cio che non e' dovuto per tasso diritti o alter contribuzioni."*

**Fit-tielet lok**, huwa mehtieg li dak li jghamel ufficjal pubbliku, ghamlu **fil-qadi ta' dmirijietu**. Mhux necessarju li l-malvivent li jitlob il-flus jew hwejjeg illegalment, jaghmel hekk b'mod volut "knowingly", izda semplicement huwa rikjest li jigi ppruvat li dak li ghamel u cioe esiga l-flus jew hwejjeg ghalih meta ma kienx intitolat li jaghmel hekk.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza minn taghha fl-ismijiet: **Il-Pulizija v Geraldo Sacco**[71] ukoll kellha okkazzjoni tiddistingwi l-elementi sostantivi tar-reat tal-konkussjoni (l-artikolu 112) u dak tal-korruzzjoni (l-artikolu 115):

Ghalhekk biex tavvera ruhha din l-ipotesi tal-ligi, huwa essenzjali li l-impjegat jikkometti l-ezazzjoni kontra l-ligi **taht "il-libsa jew kulur tal-kariga tieghu".** Ghalkemm huwa estraneu ghar-reat jekk l-impjegat kellu ma ma kellux il-jedd ghall-ezazzjoni bhala salarju ghad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew stabbiliment publiku, huwa pero` rekwizit tar-reat illi l-impjegat ikun ghamel l-ezazzjoni taht il-kulur tal-kariga li jkun jokkupa bhala impjegat publiku. Dak l-artikolu li jirrifletti in parti l-art.196 tal-Kodici penali "Delle Due Sicile", u in parti l-art.174 tal-Kodici Penali Franciz, gie introdott fil-Kodici kif jinsab illum fuq proposta ta' Sir Adriano Dingli

[71] Onor. Imhallef Dr. J. Flores, Deciza 11.12.1956;

fis-seduta tal-LKunsill tal-Gvern tal-4 t'April 1850, li fuq suggeriment ta' Jameson biddlet l-art.108 tal-Progett tal-1848 tal-Ligijiet Kriminali ta' dawn il-Gzejjer;

Illi, biex l-ezazzjoni tkun saret that il-kulur tal-kariga, irid ikollha **l-apparenza ta' legittimita`,** u jrid ikun hemm da parti tal-impjegat l-abbuz tal-awtorita` attribwita lilu mhabba fl-istess kariga tieghu. Dan huwa wiehed mir-reati li l-Kodici jqieghed that it-titolu "Fuq Abbuz ta' l-Awtorita`Publika"; u jkun hemm dan l-abbuz meta l-impjegat publiku, skond l-espressjoni ta' Carmignani, "juris colore quaesito", jezigi xjentement dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti, jew qabel iz-zmien stabbilit mill-ligi; **u hi precizament din l-apparenza ta' legittimita` li tiddiferenzja sostanzjalment din il-forma ta' abbuz tal-awtorita` publika mill-ohra tal-"korruzzjoni" kontemplata fl-art.114 tal-Kodici Kriminali, fejn l-espressjoni "taht il-libsa tal-kariga tieghu" tinbidel fl-ohra "fl-okkazzjoni tal-kariga jew impjieg tieghu";**

Hekk Roberti (Vol.V no.560) meta jqieghed bhala tielet element tal-konkussjoni il-"colore di legittimita` attribuito alla indebita esazione" jghid:- "Questo elemento e` tanto importante ad assodarsi, in quanto e' il solo che contraddistingue la concussione dalla corruzione"; u jattribwixxi d-diversita` tal-piena bejn reat u iehor".....al maggior danno inerente alla concussione, appunto perche` s'inspira nel cittadino, da cui si esige l'indebito, un certo malcontento contro il governo, laddove nella corruzione mettendosi a prezzo un atto del proprio ufficio, dassi evidentemente a comprendere che l'illecito profitto ceda esclusivamente all'ingordia del pubblico ufficiale o impiegato, senza che il governo lo autorizzi o vi partecipi in menoma parte". U Garraud (Droit Penal Francais, vol.4 p.42) jghid:- "la concussion....elle se distingue de la corruption en ce l'inculpe` exige comme un droit ce qu'il sait ne pas lui être du";... [emfazi u sottolinejar tal-Qorti]

Mhemmx dubbju li mill-fatti specie tal-kaz in dezamina ma kien hemm ebda apparenza ta' legittimita` f'dak li kien gie mitlub jaghmel Pantalleresco, u ghalhekk qatt ma tista' tirrizulta l-konkussjoni (u xi forma ta' komplicita` fl-istess delitt). Dak li sar permezz ta' Pantallaresco qatt ma seta' jinfthiem li kien qed issir taht *"il-libsa jew kulur tal-kariga tieghu"!*

Fuq dan l-insenjament u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet gja maghmula, l-imputat qed jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

### *It-Tielet Imputazzjoni – Storn*

Illi l-prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat bhala komplici u korruttur fl-istorn mwettaq minn Pantallaresco. L-element essenzjali ghal dan ir-reat ta' storn ('peculato' jew embezzlement) hu li l-awtur irid ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku li jabbuza mill-haga stornata li tkun giet fdata lilu minhabba dak l-impjieg.

Issir riferenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Carmel Saliba** deciza nhar il-31 ta' Mejju, 2012,[72], fejn il-Qorti rriteniet:

> "Illi fir-rigward tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 127, il-Qorti ser tapplika l-istess argumentazzjoni. Hawnhekk id-dolo mehtieg ukoll isarraf fil-fatt illi l-ufficjal pubbliku japproprja ruhu jew jisraq flus jew oggetti ohra mobbli sabiex jaghmel profitt u dana b'abbuz tal-fiducja lilu moghtija fil-kariga li jokkupa. Kif ighid il-Professur Mamo: "Strictly speaking the more appropriate word to denote this element of the crime under reference is the first i.e. "misapply" inasmuch as the public officer already has the detention or general possession of the thing: he only betrays the trust resposed in him by diverting it from its destination, by using it unlawully or his private advantage; in brief by deriving therefrom an unlawful gain." Huwa jikkwota dak li ighid l-Imhallef Harding: **"Embezzlment is a crimen interversionis – that is it is completed when the lawful "causa possidendi" is fraudulently substituted by the unlawlul 'causa dominii'. As soon as the sum or thing is misapplied, there is fraudulent conversion."**

Kif ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alexander Zammit et**.:[73]

> *"Wiehed mill-elementi tar-reat ta` storn [Art. 127 - Kodici Kriminali] huwa li l-oggetti in kwistjoni jkunu gew fdati lill-individwu minhabba il-kariga jew impieg tieghu. Kjarament, jew ikun hemm dan l-affidament ta` l-oggetti, jew inkella jkun hemm it-tehid taghhom "invito domino" li hu element tas-serq. Wiehed minn dawn l-elementi ovvjament jeskludi lill-iehor relativament ghall-istess fatt."*

Fis-sentenza **Il-Maesta tar-Re vs Guzeppi Fenech et**, il-Qorti Kriminali ddikjarat:[74]

> Illi gie deciz min din l-Qorti, kompsota minn tlett Imhallfin, fil-kawza **"Rex vs Brincat"**deciza fis-6 ta' April, 1943, illi d-delitt ta' storn kontemplat fl-artikolu 125 tal-Kap.12……huwa specjali ghall-ufficjal jew impjegat publiku; u persuna li ma jkollhiex dik il-kwalita` **anke jekk tghin lill-uffijal publiku, ma tistax tigi akkuzata ta' komplicita` taht dik id-disposizzjoni, ghaliex ikun qieghed jonqos element essenzjali ghal dik id-disposizzjoni, u cjoe il-kwalita` ta' ufficjal jew impejgat pubbliku li jkollu taht idejh il-haga stornata in forza ta' dak l-ufficju tieghu**…..
>
> Illi fil-kaz **"Rex vs Victor Fava"** deciz ukoll minn din l-qorti kollegjalment komposta fis-6 ta' Lulju 1943, gie mantenut l-istess principju. U gie spjegat li f'kaz ta' reati simil, il-kwalita` ta' ufficjal pubbliku (u kwindi l-fatt li l-haga tkun fdata lilu minhabb l-karika tieghu) ma ghandhiex bhala bazi l-facilitazzjoni ta' l-ezekuzzjoni tar-reat, imma l-vjolazzjoni ta' dover specjali inkombenti lill-ufficjal pubbliku (li jkollu l-haga fdata lilu) u ghalhekk bhala cirkustanza esklusivament personali ma hijiex kommunikabli.

[72] Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Ghawdex), Onor. Magistrat Dr Edwina Grima
[73] Deciza 13.03.1998, App. Krim.
[74] Deciza 16.06.1950 per S.T.O. Sir George Borg, Onor. Dr A.J. Montanaro Gauci, Onor. Dr. W. Harding. Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri, Vol.XXXIVC.iv. fol.930

Illi l-principju ta' non-kommunikabilita`, minhabba li si tratta mhux ta' kwistjoni ta' facilitazzjoni, imma ta' vjolazzjoni ta' dover specjali, propunjat f'dawn is-sentenzi huwa accettat mill-Pessina….. Masucci (Dig. It. voce "Partecipazine", n.155).

Dan l-awtur tal-ahhar precizament jghid illi d-delitt f'kaz simili, jidderiva "dalla violazione di uno special dovere incombente ad una determinate persona; neppure puo essere estesa agli altri condeliquenti perche` non sarebbe giusto che risentisce i danni della violazione di un dovere speciale anche chi a questo dovere non era sottoposto". U ghandu jigi nutat li persuna tigi sottoposta ghal dak id-dover mhux biss ghax tkun ufficjal publiku imma ghax il-haga tkun giet fdata lilha minhabba l-karika; u ghalhekk **mhux bizzejjed li tkun ufficjal publiku biss, minghajr ma jkun hemm l-affidament tal-haga.** Ikompli jghid gustament il-Masucci illi "se l'aggravante forse anche a lui communicabile, si avrebbe questa inammissibile conseguenza che si risponderebbe come complice di un'aggravante nella quale non si sarebbe potato concorrere, se il colpevole, invece di limitarsi alla parte di complice, avesse scelto quella di esecutore del reato". U precizamnet dan huwa l-aqwa argument. Infatti diversament, kieku ma tigix segwita din it-teorija, jista jkun hemm dan l-assurd;

……..Il-kwalita` ta' ufficjal pubbliku serviet ta' facilitazzjoni ghar-reat, imma b'dan kollu **ma tistax tikkomunika ruhha lill-komplici, ghaliex ic-cirkustanza ta' ufficjal publiku, akkopjata ghall-affidament tal-haga stornata minhabba l-kariga, hija mhux aggravanti, imma element tar-reat specjali**; **u l-komplici, li, ankorke` hu ufficjal publiku, ma kellux pero` l-haga fdata lilu, ma setax jikkometti dak it-titolu ta' reat ghalkemm seta' ikkometta titolu ta' reat iehor**. Fl-ewwel kaz hemm it-titolu ta' serq (reat komuni) pju` l-aggravanti, kommunikabbli ghax serviet ta' aggravanti; fit-tieni kaz hemm titolu specjali ta' reat, biss dik ic-cirkustanza (ufficjal publiku pju l-affidament tal-haga minhabba l-karika) ma hijiex aggravanti, imma element kostituttiv tar-reat stess, u dak li fih ma tirrikorrix dik ic-cirkustanza ma jistax jikkometti, mhux l-aggravanti, imma ma jistax jikkometti t-titolu stess ta' dak ir-reat specjali.

…Illi minn ezami tal-att tal-kawza…jirrizulta li f'dan il-kaz il-haga allegata stornata kienet taht idejn akkuzat wiehed biss, in forza tal-ufficju tieghu, cjoe` ta' Guzeppi Fenech. Iz-zewg ko-akkuzati l-ohra huma, jew kienu, ukoll impjegati pubblici, sija pure fl-istess dipartiment, imma l-haga stornata ma kienitx fdata lilhom in forza tal-impjieg taghhom….

Illi ghalhekk la darba tonqos dik i-cirkustanza, ma hemmx lok ghall-komplicita` - salva konsiderazzjoni diversa ta' l-allegat ghemil taghhom, anki in bazi ghall-kwalita` taghhom ta' impjegati publici, kif allegat mill-prosekuzzjoni. [emfazi u sottolinejar tal-Qorti]

Fuq dan l-insenjament u fid-dawl tal-provi migjuba, zgur li qatt ma tista' tinstab htija dwar din l-imputazzjoni tenut kont li l-*meters*, il-haga stornata, qatt ma kienet taht idejn l-imputat u wisq inqas ma kienet fdata lilu in forza tal-ufficju tieghu.

Illi anke fir-rigward tar-reat ta' storn, is-suggett passiv qatt ma jista' jiffigura bhala komplici izda biss bhala vittma, altrimenti l-kondotta tas-suggett passiv tinkwadra ruha **f'komplicita` fir-reat ta' korruzzjoni ai termini tal-artikolu 120** tal-Kodici Kriminali, liema artikolu ma jinkludix

l-artikolu 127 tal-Kodici Kriminali bhala reat li fihom jinkwadra l-persuna tal-komplici.

Illi mix-xhieda migbura jirrizulta li l-imputat u Pantalleresco bejniethom ghamlu rikavat ta' €25,130.[75] Pantalleresco xehed li l-flus li kienu jiehdu minghand il-konsumaturi kienu jinqassmu nofs bin-nofs.[76] Ghaldaqstant 50% tal-ammont, is-sehem ta' kull wiehed minnhom, hu dak ta' **€12, 565**.

Illi ghalkemm l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju jiccita l-artikolu 23C tal-Kodici Kriminali, l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li jissusistu c-cirkostanzi ravvizati b'dak l-artikolu. Ghalhekk il-Qorti ma tqisx li ghandha tigi applikata d-disposizzjoni tal-artikolu 23C tal-Kodici Kriminali.

Illi dwar piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serjissima tar-reati li gie akkuzat bihom l-imputat u li fuqhom qed tinstab htija, tal-hsara kbira li saret lill-parte civile fejn fid-daqqa u l-hin sabet ruhha vittma ta' serq ta' kurrent elettriku massicc li lahhaq l-eluf ta' ewro. Ikkunsidrat dak li xehdet il-Probation Officer izda wkoll tal-fedina penali tal-imputat li ghalkemm ma toffri ebda preokupazzjoni ghall-Qorti, turi li l-imputat mhux xi *first-time offender.*

Il-Qorti qiset ukoll li l-imputat kien anke hu ufficjal pubbliku, u ghalkemm ma giex addebitat b'dan l-aggravju, is-socjeta` tistenna ahjar minn persuni f'din il-kariga. Il-*modus operandi* tal-imputat kien wiehed sfaccat; ma zammx lura milli jistieden persuni li kienu ghall-affari taghhom fuq il-lant tax-xoghol sabiex jinvolvihom f'dan is-serq. Minghajr ma jitnaqqas xejn mill-agir riprensibbli u bla skrupli tal-konsumaturi nfushom, kien l-imputat li bil-hazen u makkakerija tieghu, mahkum mill-kilba ghall-flus a skapitu ta' haddiehor, wassal irgiel ta' familja ghal fuq l-ghatba tal-kriminalita`.

Minn naha l-ohra gie kkunsidrat l-irwol li l-imputat kellu sabiex jigi identifikat aktar serq ta' dawl, il-kowoperazzjoni kontinwa tieghu mal-Enemalta sabiex jindirizza l-hsara minnu kkagunata lill-parte civile, u l-

[75] Dan ma jinkludix il-flus imhallsa minn James Cefai li baqa' ma xehedx dwar kemm hallas ghal meter, filwaqt li peress li Roderick Borg ma kienx cert jekk hallasx €1,630 jew €1,730, il-Qorti hadet konsiderazzjoni tal-izghar ammont, dak ta' €1,630.
[76] Vide xhieda ta' Paul Pantalleresco a fol.1001

fatt li bis-sahha tal-informazzjoni li baqa' jghaddi lil Enemalta, baqghu jigu identifikati kazijiet godda ta' serq ta' kurrent elettriku.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17, 18, 21, 31, 42, 115(1)(c), 120(1), 308,[77] 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tilliberah mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni, issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni kif ukoll fuq l-ammissjoni tieghu, isibu hati ukoll fuq ir-raba u l-hames imputazzjonijiet, u tikkundannah sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba snin millum.

In oltre' ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tpoggi lill-hati taht ordni ta' supervizjoni ghal sentejn u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 28G(1A) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed timponi ordni fejn il-hati qed jigi mehtieg jaghmel mitt siegha servizz fil-komunità.

Ai termini tal-Artikolu 23B(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta,[78] tordna li l-ammont ta' €12,565, sehem l-imputat fir-rikavat provvenjenti mill-ewwel imputazzjoni, jigi konfiskat favur il-Gvern jew fin-nuqqas li tigi konfiskata tali somma, ghandha tigi konfiskata dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta €12,565.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23B(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, f'kaz li r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, l-imputat ghandu jhallas *multa* ta' €12,565 li tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-reat.

---

[77] Qabel l-emendi introdotti bl-*Att XXIV tal-2014* il-piena taht dan l-artikolu kienet ta' bejn tlettax il-xahar u seba snin prigunerija.

[78] Disposizzjoni tassativa li tipprovdi: Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 23 il-qorti **għandha**, b'żieda ma' kull kastig li jista' jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti….. tordna l-konfiska favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew dik il-propjeta` li l-valur taghha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat…..

Dik il-multa tkun tista′ tiġi rkuprata bħala dejn ċivili u s-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta′ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta′ din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta′ supervizjoni fuqu impost.

Finalment il-Qorti, wara li rat l-artikolu 119 tal- Kapitolu IX tal-Ligijiet ta′ Malta, qed tordna ukoll fil-konfront ta′ l-imputat l-**interdizzjoni generali perpetwa** u ghal dan il-ghan u ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta,

Tordna li s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jieħu kull provvediment opportun rigward il-konfiska hekk kif ordnata.

Tordna li kopja ta′ dina is-sentenza ghandha tintbaghat ukoll lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**